# MASKARATA

*Ta'* Ġużè' Chetcuti

Qegħdin tarawni l-lum b'dil-maskra f'wiċċi,
  infaqqa' d-daħk kull ħin,
Żgħażagħ iduru miegħi, u bi tbissima
  jistidnuni għaż-żfin.

U magħhom niżfen f'sakra ta' tgawdija,
  f'milja ta' hena w ferħ,
Mal-qiegħa tleqq nitbandlu, lkoll mitlufa
  f'mewġa ta' qbiż bla serħ.

Imma intom — intom li qed tiżfnu miegħi
  lili ma tafunix,
F'ħajti ħlief baħar ta' tiġrib u dwejjaq
  aktar minn hekk m'għandix.

Twelidt f'għaks kbir — kif kienet tgħidli ommi —
fil-għaks kont għoddni mitt,
Donnha n-Natura riedet li taħqarni
sa mill-ħin li twelidt.

Missieri miet, ma niftakrux, u 'l ommi
tliftha, kont għadni tfal,
Garrabt kalvarju sħiħ, u għixt fil-faqar,
waħdi, bla raj, bla dar.

U għax kont fqira, ħadd ma ried jaf bija,
ħafna batejt u nħqart,
Rajt jiem u ljieli twal ta' ġuħ u niket,
ġie li rqadt barra, fl-art.

Il-lum qed niżfen magħkom, żgħażagħ hienja,
u t-tfal fi qtajja' qtajja'
Isejħu "Maskarata! Maskarata!"
u jiġru lkoll warajja.

Halluhom dawk it-tfal ħelwin, ferħana,
iduru w jaqbżu miegħi,
Qed ifakkruni f'dak iż-żmien ta' ħajti
meta kelli t-tfal tiegħi.

Qed ifakkruni f'Karmen u f'Toninu
iduru t-tnejn flimkien.
Id-dar hienja bl-agħjat u bil-logħob tagħhom,
u magħhom nilgħab jien.

Il-Hajja tatni dawk it-tfal biex tfawwar
il-kalċi ta' l-imrar:
Għadni narahom, mimlija ħajja, u f'daqqa
it-tnejn, mejtin, ġo sptar.

Halluhom dawk it-tfal ħelwin, ferħana,
iduru w jaqbżu miegħi,
Qed ifakkruni f'dak iż-żmien ta' ħajti
meta kelli t-tfal tiegħi.

Il-lum tarawni nidħak: fittxu f'qalbi,
    għandi storja ta' dmugħ.
Il-misterju tal-waħx, tal-ħqir u l-biki
    hawn, ġo sidri, merfugħ.

Dil-maskra li qed fidħak qiegħda tgħatti
    l-imrar ta' ħajja sħiħa.
Il-lum il-għid tal-bluha: niżfnu mad-daqqa
    tal-vjolini ferrieħa,

U bħall-bżieżaq kull lewn li fuq irjusna
    qed jittajru w jinfaqgħu,
Hekk aħna f'dan iż-żfin ta' ħajja fiergħa
    Fl-abbiss tal-Mewt qed naqgħu.

12. 2. 51.